TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Paul u Christabel Sacco

Vs

Ventura General Gas Ltd

CCT 25/22/MM

Illum, 18 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-18 ta' Frar 2022 fejn talbu s-somma ta' tliet mija u għoxrin Ewro (€ 320) rappreżentanti flus ta' *dishwasher* li allegatament huwa difettuz, issewwa darbtejn u b'hekk għandu jinbidel.

Illi s-soċjeta -intimata minkejja li ġiet debitament notifkata ma ppreżentat l-ebda risposta iżda dehret *seduta stante.*

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti jinsistu li d-*dishwasher* kien sa mill-bidu nett dejjem bil-ħsara u għalhekk ma xtaqux jerġaw jagħtu opportunita' oħra lill-intimati sabiex jieħdu d-*dishwasher* il-*workshop* iżda jingħataw l-flus lura jew jinbidel.

Min-naħa l-oħra s-soċjeta' intimata ssostni li l-ħsara ma hijiex fid-*dishwasher* iżda fir-*rack* li ma hijiex koperta bil-garanzija. Tajjeb li jiġi enfasizzat li minkejja li skont is-soċjeta intimata ir-*rack* ma hijiex koperta bil-garanzija, xorta waħda huma kienu ipprovaw isewwu bla ħlas u *seduta stante* nhar l-10 ta' Jannar 2023 ġie dikjarat mir-rappreżentant tas-soċjeta', Mario Schembri, li huma kienu għadhom disposti li jieħdu d-*dishwasher* il-*workshop* u jinvestigaw u jwettqu x-xogħlijiet mingħajr ħlas anki dak li ma kienx kopert bil-garanzija.

Ikkunsidra

Illi tajjeb li f'dan il-każ jingħata importanza għat-trepass taż-żmien fejn ir-rikorrenti sa mill-bidu nett kienu 'mistennija' li joqgħodu mingħajr il-prodott li huma xtraw biex igawduh. Illi filwaqt li huwa att ġeneruż dak li pproponew l-intimati, u ċioe li jsewwi bla ħlas, xorta waħda wieħed iqis li jekk din kienet l-intenzjoni mill-bidu, din kellha tiġi proposta immedjatament u mhux wara trepass inutili ta' żmien. F'dawn iċ-ċirkostanzi din l-offerta hija kemxejn intempestiva u jista jkollha l-effetti opposti tal-ġustizzja. Dan jingħad iktar u iktar meta diġa saru tentattivi inutili sabiex jissewwa l-prodott u fil-mori tal-kawża ma reġgħax ġie propost oltre fl-aħħar seduta sabiex l-appart jittieħed il-*workshop*. Illi iktar minn hekk, fuq bażi ta' probabilta' dan it-tribunal ma jħossx li għandu jiddubita dak allegat mir-rikorrenti rigward il-ħsarat li dan l-appart hu kolpit minnhom.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 320 b'dan illi l-apparat in kwistjoni għandu jiġi ritornat lill-intimata mall-ħlas.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru